# Slovenia, Croatia & Austria

**GRUPP A: 06-16 TA' LULJU**
**GRUPP B: 24 AWWISSU-03 TA' SETTEMBRU**

**INŻURU: LJUBLIJANA, MARIBOR,BOHINJ, POSTOJNA CAVE, PIRAN, ISOLA, PORTOROZ, VELDEN, KLAGENFURT, NOVO MESTO, ZAGREB, OTAKA ISLAND, GRAZ U VIENNA**



### IS-SIBT
Niltaqgħu l-ajruport internazzjonali ta' Malta fl,04.00 biex nagħmlu check in għat-titjira KM514 li ttir fis-06.05 u li twassalna Vjenna fit-08.35. Tluq lejn il-belt ta' **Maribor** fis-Slovenia, fejn ikollna waqfa għal sightseeing u ħin liberu. Wara nkomlu lejn **Ljubljana** l-belt kapitali tas-Slovenja. Check in fil-l-**Hotel Park Ljubljana** 3 star. Ċena u wara ħarġa mal-leader biex naraw x'joffri din il-belt tant sabiħa.

### IL-ĦADD
Eskursjoni mill-iżjed interessanti għal **Novo Mesto** fejn flimkien mat-tour leader nagħmlu dawra mal-post. Inżuru wkoll razzett antik li ġie rrestawrat fuq stil tradizzjonali. Hawn ikollna wine tasting u tnaqqir tradizzjonali (Mhallas). Wara jkollna cruise fuq ix-**xmara Krka** fejn ngħaddu minn taħt erba' pontijiet u naraw ħafna siti interessanti matul din ix-xmara sabiħa. Insomma esperjenza unika! Nirritornaw lura l-lukanda.

### IT-TNEJN
Wara li nieħdu l-buffet breakfast ikollna **city tour ġo Ljubljana,** fejn gwida tal-lokal turina l-aktar postijiet ta' interess bħal kastell medjevali, Old Town Dragon Bridge u pjazez mill-isbaħ. Wara ħin liberu għal shopping u personal sightseeing. Filgħaxija mmorru għal drink.

### IT-TLIETA
Wara l-breakfast għandna ġurnata oħra mill-isbaħ fejn ser inżuru parti mill-kosta sabiħa ta' Slovenia: **Isola**, **Piran u Portoroz**. L-ewwel waqfa tkun ġewwa Piran fejn nagħmlu dawra flimkien fejn naraw toroq dojoq mill-aktar pittoreski, Piazza Tortini bil-katidral ta'San Ġorġ kif ukoll il-port. Ħin liberu u wara nkomplu lejn Portoroz, wieħed mill-akbar riżorts turistiċi fi Slovenia, hawn insibu ħafna lukandi lussużi, restaurants, casino u ħwienet mill-isbaħ. L-aħħar waqfa se tkun ġo Izola 'villaġġ tas-sajjieda', ikollna ħin biżżejjed biex niskopru dan il-villaġġ tant sabiħ u wara mmorru lura l-hotel.

### L-ERBGĦA
Eskursjoni mill-iżjed interessanti li ser teħodna **Zagreb** ġewwa l-**Kroazja**. Mal-wasla tagħna ġo din il-belt sabiħa ikollna city tour fejn fost oħrajn naraw il-katidral iddedikat lil San Stiefnu, il-knisja ta' San Marku, Santa Katerina, il-pjazez ta Ban Jelacic u ta' Jan Jevac u triq Tkalckeva. Wara nofsinnhar ħin liberu għall-ikel (extra) u personal sightseeing.

### IL-ĦAMIS
Wasal il-ħin li nħallu l-belt ta' **Ljubljana** u nibdew il-vjaġġ tagħna lejn **Bled fi Slovenja**, iżda qabel se nżuru **Postojna Caves**. Hemmhekk naraw sistema ta'għerien (extra) fost l-aktar famużi fl-Ewropa u li ġew skoperti fis-sena 1213. Hawnhekk naraw in-natura fl-aqwa tagħha. Infatti dawn l-għerien jaslu sa 27km fond. Nissuġġerixxu li hawn iġġibu magħkom ġakketta jew pullover minħabba li t-temperatura fl-għerien tkun xi ftit baxxa. Wara jkollna ħin liberu għal xiri ta' souvenirs u nkomplu l-vjaġġ tagħna lejn Bled. Mal-wasla tagħna -sistemazzjoni tal-kmamar. Wara ċena u ħarġa mal-leader. Grupp A* Hotel Savica 4* -Grupp B* Park Hotel 4*

### IL-ĠIMGĦA
Illum se nammiraw il-kampanja ta' **Bled** waqt li nagħmlu passiġġata madwar il-lag, li f'nofsu għandu gżira ċkejkna ta' **Otaka**, b'kappella li tmur lura għas-sbatax-il seklu. Min irid, minflok jista' jikri speċi ta' gondola jew inkella jirkeb dgħajsa (extra) biex jagħmel dawra mal-lag u mal-gżira. Fost dan ix-xenarju mill-aqwa naraw ukoll il-kastell (extra) tas-seklu sittax li proprju jħares fuq dan il-lag tant sabiħ. Wara nitilqu bil-kowċ lejn **Bohinj** li jinsab fir-reġjun tal-**Julian Alps**. Naqbdu cable car (extra) li ttellagħna fuq **Mt. Vogel** mnejn nammiraw veduti stupendi sa ma naslu fil-quċċata. Wara jkollna ħin liberu biex ingawdu l-**lag ta' Bohinj**. Nirritornaw lura l-lukanda għaċ-ċena.

### IS-SIBT
Skopri magħna ir-reġjun ta' **Carinthia fl-Awstrija**, fejn se nżuru il-**belt ta' Klagenfurt**-il-belt kapitali ta' Carinthia. Flimkien mat-tour leader naraw l-aktar attrazzjonijiet turistiċi tal-belt li għandha madwar 135,000 abitant. Fost oħrajn naraw Neuer Platz, Landhaus, il-katidral ta' Klagenfurt kif ukoll it-toroq antiki tipikament Awstrijaċi. Wara jkollna ħin liberu għall-ikel (extra) jew xiri ta' souvenirs. L-aħħar waqfa tagħna tkun ġewwa **Velden**, fejn nieqfu biex taraw il-ġmiel tal-**Wörthersee** (wieħed mill-isbaħ lagi fl-Awstrija. Ċena fil-hotel.

### IL-ĦADD
Wara buffet breakfast nħallu Bled u nibdew il-vjaġġ tagħna lejn **Vjenna** imma qabel ikollna waqfa ġol-belt ta' **Graz,** it-tieni l-akbar belt fl-Awstrija, dawra fiċ-centru sabiħ ta'din il-belt, ħin liberu u wara nkomplu lejn Vjenna fejn ser inkunu fil-**Hotel Ananas** 4 star. Sistemazzjoni tal-kmamar u ħarġa mal-leader u ċena fil hotel.

### IT-TNEJN
Breakfast fil-belt tal-Valtzi u llum ikollna **Vienna city tour** ma' gwida tal-lokal biex niskopru l-ġmiel ta' ħafna postijiet storiċi bħal Rathaus, Parliament, il-bini majestuż tar-Ringstraße, Hofburg Palace u St. Stephen's Cathedral. Wara ħin liberu biex kulħadd ikollu ċans ikompli jgawdi din il-belt storika. Filgħaxija mmorru l-famuż **Prater** (transport extra)-hawn insibu restaurants u aktar minn 25 attrazzjoni differenti. Min irid jista' jitla' l-**Giant Ferris Wheel** biex tgawdu l-veduta ta' din il-belt mixgħula.

### IT-TLIETA
Transfer lejn l-ajruport ta' Vjenna għat-titjira KM515 li ttir fid-09.25 u naslu lura Malta f-11.45

**11**
**-IL JUM**

**MINN €**
**1,420**
**KULL PERSUNA**

### PREZZ KULL PERSUNA
### ESKURSJONIJIET, *HALF BOARD U TAXXI NKLUŻI

| | Normali | Skontat |
|---|---|---|
| Kamra ta' tliet persuni | €1,470 | €1,420 |
| Kamra ta' żewġ persuni | €1,470 | €1,420 |
| Kamra ta' persuna waħda | €1,970 | €1,920 |
| Tfal sa ħdax-il sena | €1,200 | €1,150 |

### PREZZ JINKLUDI
- Titjira mal-KM Malta Air għal Vienna
- 20kgs Check-In Luggage + Hand Luggage
- Eskursjonijiet u Transfers kif indikat fil-programm (entraturi, cable cars u boats mhux inkluża)
- 10 iljieli-Ljubljana Bled u Vienna
- Buffet Breakfast kontinentali kuljum
- Ċena (4 Ikliet) 3 Bled u 1 Vienna
- Taxxi tal-ajruport, city tax
- Tour Leader
- Insolvency Protection



